MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1284/2010

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
David Azzopardi, iben Alfred, imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru, 1988, Karta ta' l-Identita numru 483388(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-7 ta' Awwissu, 2010 bejn nofs in-nhar u it-3.30 p.m. ġewwa l-Belt, Valletta xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' oġġetti tad-deheb tal-valur li jeċċedi l-€232.94 iżda anqas minn €2,329.37, jew xjentement, b'kull mod indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju, 2011 fejn il-parte ċivile ddikjarat li l-oġġetti misruqa ġew ritornati u għal kwalunkwe buon fine qed taħfer lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------